Ta' Sannat	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Paul George Pisani applikazzjoni LRA 921/21 korrezzjoni tal-applikazzjoni.	Gauci Rev Dun Karm	921/2021 Gozo
Ta' Sannat	*I am here by giving notice that I have recevied from Notary Paul George Pisani application LRA 921/21 correction of application.*	*Gauci Rev Dun Karm*	
Ta' Sannat	B'dan qed navża li rċivejt mingħand is-Sur Martin Bajada applikazzjoni LRA 1051/21 korrezzjoni tal-pjanti rilevanti.	Gvern ta' Malta	1051/2021 Gozo
Ta' Sannat	*I am here by giving notice that I have recevied from Mr Martin Bajada application LRA 1051/21 correction of relevant plans.*	*Government of Malta*	
Ta' Sannat	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Kristen Dimech applikazzjoni LRA 1057/21 korrezzjoni tal-pjanti rilevanti.	Grima Josephine et	1057/2021 Gozo
Ta' Sannat	*I am here by giving notice that I have recevied from Notary Kristen Dimech application LRA 1057/21 correction of relevant plans.*	*Grima Josephine et*	
Ix-Xagħra	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Enzo Refalo applikazzjoni LRA 867/21 korrezzjoni tal-pjanti rilevanti.	Vella James et	867/2021 Gozo
Xagħra	*I am here by giving notice that I have recevied from Notary Enzo Refalo application LRA 867/21 correction of relevant plans.*	Vella James et	
Ix-Xagħra	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Joseph Tabone applikazzjoni LRA 904/21 korrezzjoni tal-pjanti rilevanti.	Mizzi Adrian et	904/2021 Gozo
Xagħra	*I am here by giving notice that I have recevied from Notary Joseph Tabone application LRA 904/21 correction of relevant plans.*	*Mizzi Adrian et*	
Ix-Xagħra	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Joseph Tabone applikazzjoni LRA 905/21 korrezzjoni tal-pjanti rilevanti.	Mizzi Adrian et	905/21 Gozo
Xagħra	*I am here by giving notice that I have recevied application from Notary Joseph Tabone LRA 905/21 correction of relevant plans.*	*Mizzi Adrian*	
Ix-Xagħra	Rtirar ta' applikazzjoni ta' proprjeta 63000397	Mercieca Victor	972/2021 Gozo
Xagħra	*Withdrawal of application of property 63000397*	*Mercieca Victor*	
Ix-Xagħra	Raba' msejha Tac-Cirkin tal-kejl ta' 140m.k.	Mercieca Victor	973/2021 Gozo
Xagħra	*Land known as Tac-Cirkin covering an area of 140s.m.*	*Mercieca Victor*	
Ix-Xagħra	¼ indiviż ta' art 'Ta' Werrier' tal-kejl 218m.k.	Mercieca Bernardette et	1036/2021 Gozo
Xagħra	*¼ undivided share of land 'Ta' Werrier' covering an area of 218s.m.*	*Mercieca Bernardette et*	
Ix-Xagħra	¼ indiviż ta' art 'Ta' Werrier' tal-kejl 218m.k.	Mercieca Bernardette et	1037/2021 Gozo
Xagħra	*¼ undivided share of land 'Ta' Werrier' covering an area of 218s.m.*	*Mercieca Bernardette et*	
Ix-Xagħra	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Valerie Said applikazzjoni LRA 1054/21 korrezzjoni tal-pjanti rilevanti.	Portelli Rita	1054/2021 Gozo

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	LR-A *LR-A*
Xagħra	*I am here by giving notice that I have recevied from Notary Valerie Said application LRA 1054/21 correction of relevant plans.*	*Portelli Rita*	
Ix-Xagħra	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Valerie Said applikazzjoni LRA 1055/21 korrezzjoni tal-pjanti rilevanti.	Portelli Rita	1055/2021 Gozo
Xagħra	*I am here by giving notice that I have recevied from Notary Valerie Said application LRA 1055/21 correction of relevant plans.*	*Portelli Rita*	
Ix-Xagħra	Porzjon art 'Tac-Cirklin' tal-kejl 200.77m.k.	Mizzi Maria Francesca	1066/2021 Gozo
Xagħra	*Portion of land 'Tac-Cirklin' covering an area off 200.77s.m.*	*Mizzi Maria Francesca*	
Ix-Xagħra	Porzjon art Tac-Cirklin tal-kejl ta' 139m.k.	Mizzi Maria Francesca	1067/2021 Gozo
Xagħra	*Portion of land Tac-Cirklin covering an area of 139s.m.*	*Mizzi Maria Francesca*	
Ix-Xewkija	Dirett Dominju Temporanju tal-fond 18, Triq l-Indipendenza	Gvern ta' Malta	1069/2021 Gozo
Xewkija	*Temporary Direct Dominium of Premises 18, Triq l-Indipendenza*	*Government of Malta*	

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, L-Amministrazzjoni, Triq ta' Wara s-Sur, Ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.00 p.m.

Dr Marlin Vella, LLD
għar-Reġistratur tal-Artijiet

It-30 ta' Lulju, 2021

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, The Administration, Triq ta' Wara s-Sur, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.00 p.m.

Dr Marlin Vella, LLD
for/Land Registrar

30th July, 2021

Nru. 1050

ATT DWAR IL-CONDOMINIA
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija condominia:

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
287	Pace Haber Apartments Triq Arc. Saver Cassar In-Nadur, Għawdex	Reġistrazzjoni tar-regolamenti *Registration of Rules*	11/05/2021

Dr Marlin Vella, LLD
Għar-Reġistratur tal-Artijiet

It-30 ta' Lulju, 2021

No. 1050

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Marlin Vella, LLD
f/Land Registrar

30th July, 2021

Nru. 1051

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61(1)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61 (1) tal-Att dwar it-taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxi b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 46, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

No. 1051

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Notice in terms of Article 61(1)

IN Terms of the proviso to article 61 (1) of the Duty on Documents and Transfer Act, the Commissioner for Revenue hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 46, Triq il-Merkanti, Valletta, to collect the notices made on such persons.

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Calypso Courts Property Holdings Ltd	Roc. No. C67055	IV 148657
Mizzi Mary R	12862G	IV 148608
Bargain Holidays Limited	Roc. No. C8565	IV 148530
Calypso Property Holdings Limited	Roc. No. C67055	IV 148659
Attard Daniel	29386G	IV 148997
Vella Victor Joseph	20386G	IV 148999
Vella Victor Joseph	20386G	IV 149001
Borg Massimo	226285M	IV 149002
Vella Victor Joseph	20386G	IV 149007
Vella Pauline	18269G	IV 149008
Spiteri Joseph	573G	IV 149004
L.G. Investments Limited	Roc. No. C40608	IV 149154
Muscat Jesmond	40065M	IV 149155
Bonello Fortunato	2451G	IV 149160
Bonello Maria	40585G	IV 149161
Vella Victor Joseph	20386G	IV 149162
Muscat Amleto	789653M	IV 149163
I.T. Properties Limited	Roc. No. C24644	IV 149164
M Khalifa El Khamsa Adel Emhemed	669670810	IV 149165
Buhagiar Emmanuel	1057G	IV 149168
Grech Anthony	19377G	IV 149169
Buhagiar Mary	22051G	IV 149170
Sultana Shawn	33887G	IV 149171
Mercieca Ray Charles	10990G	IV 149189
Mercieca Ray Charles	10990G	IV 149190
Grima Francesco	19984G	IV 149191
Farrugia Joseph	6179G	IV 149212
Cini Joseph	29260G	IV 149213
Cini Joseph	29260G	IV 149214
Farrugia Michael	20883G	IV 149215
Veduta Estates Limited	Roc. No. C1006	IV 149249
Camilleri Mary	454742M	IV 147998

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Debattista Jon-Paul Godfrey	36207L	IV 145929
Spiteri Malcolm	304977M	IV 148831
Abela Christopher	186269M	IV 147757
Tawerghi Nader et	349278M	IV 143709
Tawerghi Nader et	349278M	IV 143707
Tawerghi Nader et	349278M	IV 143705
Azzopardi Reuben	382175M	IV 144172
Sammut Malcolm Brandon	230390M	IV 147229
Vella Charles	84778M	IV 148073
Fenech Teresa	401462M	IV 147421
Fenech Mavrick	321488M	IV 147418
Spiteri Kenneth	223776M	IV 148833
Leigh Wayne Kerryn	143769A	IV 142530
Sun Spots Imports Limited et	Roc. No. C14288	IV 148813
Forty Nine Limited	Roc. No. C28355	IV 147083
19 Properties Limited et	Roc. No. C75469	IV 146142
Bonello Joseph obo Hertur Dev. Ltd	Roc. No. C25763	IV 148311
Bonello Joseph obo Hertur Dev. Ltd	Roc. No. C25763	IV 148313
JTL Properties Limited et	Roc. No. C80951	IV 148842
EMV Limited	991845821	IV 148812
C & M Contractors Limited	Roc. No. C30803	IV 146616
C & M Contractors Limited	Roc. No. C30803	IV 146618
C & M Contractors Limited	Roc. No. C30803	IV 147437
K & M Contractors Limited	Roc. No. C39982	IV 147706
K & M Contractors Limited	Roc. No. C39982	IV 147709
Bugeja Emanuel	11233M	SM 050291
Micallef Maryanne	397651M	CM 042149
De Felice Josephine	889972416	CM 042161
Moser Josef	889287619	CM 054778
Moser Gabriel Martin	N/A	CM 054779
Mangion Malcolm obo Buhagiar Duke Anthony	885500631	CM 042075
Aquilina Theresa	886080722	CM 042076
Buhagiar Carmel	886080920	CM 042077
Buhagiar Paul A.	887170009	CM 042078
Buhagiar John J.	887169923	CM 042079
Buhagiar Robert B.	887170108	CM 042080
Fierro Carol	886640529	CM 042081
Morse Linda	886640628	CM 042082
Gamez Tamara	886640727	CM 042083
Blondeaux Lisa	886640826	CM 042084

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 39

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Kalkara

Nhar it-Tlieta, 3 ta Awwissu, 2021, għeluq il-ġurnata kollha minn (taħt l-Esplora) eks marina Bruno store, Triq ir-Regatta 1969.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Il-Birgu

Għeluq fil-Pjazza tal-Birgu se jsir nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Awwissu, 2021; nhar is-Sibt, 7 ta' Awwissu, 2021; nhar il-Ħadd, 8 ta' Awwissu, 2021; nhar it-Tnejn, 9 ta' Awwissu, 2021, il-ġurnata kollha; u nhar it-Tlieta, 10 ta' Awwissu, 2021, sa nofsinhar. Trasport pubbliku huwa projbit.

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħadd, 22 ta' Awwissu, 2021, mis-6.00 a.m. sat-3.00 p.m., minn Misraħ Gregorio Bonici.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-30 ta' Lulju, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 108 tal-2021

Stħarriġ bl-Għadis fil-Port ta' Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li se jsir stħarriġ bl-għadis fil-Port ta' Marsaxlokk bejn il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju, 2021 u l-Ġimgħa, 8 ta' Awwissu, 2021.

l-istħarriġ bl-għadis se jsir f'dawn il-postijiet approssimattivi VF1, VF2 u VF3 (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
VF1	35° 49'.818	014° 32'.035
VF2	35° 49'.872	014° 32'.309
VF3	35° 49'.705	014° 32'.749

POLICE NOTICE

No. 39

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Kalkara

On Tuesday, 3rd August, 2021, closure all day through (beneath Esplora) ex marina Bruno store , Triq ir-Regatta 1969

Public transport will not not effected.

Vittoriosa

There will be closure of Pjazza tal-Birgu on Friday 6th August, 2021; on Saturday, 7th August, 2021; on Sunday, 8th August, 2021; on Monday, 9th August, 2021, all day; and on Tuesday, 10th August, 2021, till noon. Public Transport is not allowed.

Żejtun

On Sunday, 22nd August, 2021, from 6.00 a.m. till 3.00 p.m., through Misraħ Gregorio Bonici.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

30th July, 2021

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 108 of 2021

Diving Survey at Il-Port ta' Marsaxlokk

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that diving surveys will be carried out at Il-Port ta' Marsaxlokk between Friday 30th July 2021 and Friday, 8th August, 2021.

The diving surveys will be carried out at the approximate locations VF1, VF2 and VF3 as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
VF1	35° 49'.818	014° 32'.035
VF2	35° 49'.872	014° 32'.309
VF3	35° 49'.705	014° 32'.749

L-istħarriġ se jsir bl-għajnuna tal-bastiment Julie Pearl li se jkun qed itajjar l-international code of Signals flag A.

Matul l-istħarriġ għandha tinżamm żona ta' sikurezza ta' 50 metru madwar il-bastiment.

Il-kaptani u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, jinnavigaw b'kawtela u bil-mod meta jbaħħru qrib iż-żona indikata hawn fuq, u għandhom jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post.

Kull struzzjoni maħruġa fuq il-VHF channel 14 u/jew 16 minn Marsaxlokk VTS u kwalunkwe aġenzija tal-infurzar fuq il-post għandha tkun segwita.

Chart affettwata: BA 36

It-30 ta' Lulju, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 109 tal-2021

Tgħarriq tal-Bastiment P33 f'Marsaskala

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-eks patrol P33 se tiġi mgħarrqa fid-daħla ta' Marsaskala nhar is-Sibt, 31 ta' Lulju, 2021, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Il-bastiment P33 se jiġi rmunkat mill-Port il-Kbir mit-tug Gozzo u jkun assistit mid-dgħajsa tax-xogħol '46' għall-pożizzjoni fejn se jiġi mgħarraq.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 51'.945	014° 34'.526

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jbaħħru b'kawtela u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta ilmħu l-bastiment irmunkat, u għandhom iżommu distanza sigura ta' 200m.

Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi u jsegwu kwalunkwe istruzzjoni maħruġa fuq VHF Channel 12, 14 u/jew 16 minn Valletta VTS u Marsaxlokk VTS u minn kwalunkwe persunal tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 36, 177, 2538

It-30 ta' Lulju, 2021

The surveys will be carried out with the assistance of the vessel Julie Pearl which will be displaying the international code of Signals flag A.

A safety zone of 50m round the support vessel is to be kept during the surveys.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, navigate with caution, and at slow speed when navigating close to the above indicated area, and are to cooperate with the contractor on site.

Any instructions issued on VHF channel 14 and/or 16 by Marsaxlokk VTS and any enforcement agency on site, are to be complied with.

Chart affected: BA 36

30th July, 2021

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 109 of 2021

Scuttling of Vessel P33 at Marsaskala

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the ex-patrol boat 'P33' is to be scuttled at the entrance of Marsaskala on Saturday, 31st July, 2021, from 8.00 a.m. till noon.

The vessel P33 will be towed from the Grand Harbour by the tug Gozzo and will be assisted by the workboat '46' to the scuttling position and for the actual scuttling.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 51'.945	014° 34'.526

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed (no wake) when the towed vessel is spotted, they are to keep a safety distance of 200m.

They are to cooperate with the organisers and to comply with any instructions issued on VHF Channel 12, 14 and/or 16 by Valletta VTS and Marsaxlokk VTS and by any enforcement personnel on site.

Charts affected: BA 36, 177, 2538

30th July, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 110 tal-2021

Wirja tan-Nar tal-Ajru – Festa ta' San Duminku

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li logħob tan-nar tal-ajru se jinħaraq mill-Ponta ta' Sant'Iermu (punt A kif muri fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

Nhar is-Sibt, 31 ta' Lulju, 2021, mit-8.00 a.m. sat-8.15 a.m., minn nofsinhar sal-12.15 p.m., u mit-7.45 p.m. sat-8.15 p.m.

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Awwissu, 2021, mit-8.00 a.m. sat-8.15 a.m., minn nofsinhar sal-12.15 p.m., u mit-7.45 p.m. sat-8.15 p.m.

Il-bastimenti rmiġġati f'distanza ta' 200 metru minn punt A għandhom jitneħħew u ż-żona għandha titħalla vojta matul il-wirjiet. Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, mhu se jaċċetta l-ebda responsabbiltà għal bastimenti li jitħallew fiż-żona fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Struzzjonijiet u direzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 mill-Valletta VTS u minn kull Aġenzija ta' Infurzar għandhom jiġu obduti.

Chart affettwata: BA 177

It-30 ta' Lulju, 2021

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 110 of 2021

Fireworks Display – Feast of St Dominic

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that aerial fireworks will be let off from Il-Ponta ta' Sant'Jiermu (point A on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) on the date and times as follows:

On Saturday, 31st July, 2021, from 8.00 a.m. till 8.15 a.m., from noon till 12.15 p.m., and from 7.45 p.m. till 8.15 p.m.

On Sunday, 1st August, 2021, from 8.00 a.m. till 8.15 a.m., from noon till 12.15 p.m., and from 7.45 p.m. till 8.15 p.m.

Vessels moored within 200 metres from point A are to be removed and the area kept clear during the displays. The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, will accept no liabilities whatsoever for any vessels that are left lying in the area on the above-mentioned dates and times.

Instructions and directions given on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and any Enforcement Agency are to be complied with.

Chart affected: BA 177

30th July, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 111 tal-2021

Emenda għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 103 tal-2021 rigward Wirja ta' Logħob tan-Nar fil-Port il-Kbir – Festa tal-Birgu

Qed issir referenza għal Avviż Lokali għall-Baħħara Nru. 103 tal-2021.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinnotifika lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li t-3 braken issa se jiġu rmunkati mill-boatyards rispettivi għal Bioler Wharf minflok għall-moll tar-Rinella nhar il-Ħamis, 5 ta' Awwissu, 2021, mit-8.00 a.m sa nofsinar. Il-braken eventwalment jiġu rmunkati fil-postijiet magħżula tagħhom (kif muri fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) ma' Avviż Lokali lill-Baħħara 103 tal-2021) u mbagħad jibqgħu hemm sakemm iddum il-festa.

Il-logħob tan-nar imbagħad jiġi ttrasportat mill-Birgu quddiem il-Klabb tar-Regatta (Toqba) lejn il-barkuni kif ġej:

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 111 of 2021

Amendment to Local Notice to Mariners No. 103 of 2021 regarding Firework Displays in Grand Harbour – Vittoriosa Feast

Reference is made to Local Notice to Mariners No. 103 of 2021.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that the 3 barges will now be towed from the respective boatyards to Boiler Wharf instead of to Rinella quay on Thursday, 5th August, 2021, from 8.00 a.m. till noon. The barges will eventually be towed to their designated locations (as indicted on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) to Local Notice to Mariners 103 of 2021) and will then remain there for the duration of the feast.

The fireworks will then be transported from Vittoriosa in front of the Regatta Club (Toqba) to the barges as follows:

Il-Ġimgħa, 6 ta' Awwissu, 2021, fis-7.30 a.m,
Il-Ħadd, 8 ta' Awwissu, 2021, fis-7.00 p.m,
It-Tnejn, 9 ta' Awwissu, 2021, fis-7.30 a.m u l- 5.30 p.m,
It-Tlieta, 10 ta' Awwissu, 2021, fis-6.30 p.m u fis-7.30 p.m

Minħabba l-arranġamenti ta' hawn fuq, il-moll tar-Rinella mhu se jintuża xejn, għalhekk il-bastimenti rmiġġati ġewwa l-Bajja tar-Rinella m'għandhomx għalfejn jitneħħew mill-irmiġġ tagħhom fil-5, is-6, is-7 u l-11 ta' Awwissu, 2021.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 103 tal-2021 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 103 tal-2021 se tibqa' valida.

Chart affettwata: BA 177

It-30 ta' Lulju, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 32 tal-2021

Riċerka Xjentifika Marittima fil-Lvant u fix-Xlokk ta' Malta

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinnotifika lill-baħħara li se jibdew operazzjonijiet ta' riċerka xjentifika marittima fil-Lvant u fix-Xlokk ta' Malta nhar il-Ħadd, l-1 ta' Awwissu, 2021, li huma mistennija jitlestew sal-Ġimgħa, 31 ta' Diċembru, 2021.

Ir-riċerka li se ssir f'żewġ żoni mill-bastimenti M/V Gold Finder u Delfino u se tinkludi l-irmunkar ta' tagħmir tar-riċerka.

Żona 1 (iffurmata billi tingħaqad mal-punti A, B, C u D)

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 59'.516	014° 21'.285
B	36° 02'.706	014° 24'.298
C	35° 59'.345	014° 30'.577
D	35° 56'.366	014° 27'.601

Żona 2 (iffurmata billi tingħaqad mal-punti A, B, C u D)

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
U	35° 52'.578	014° 36'.818
V	35° 52'.587	014° 42'.025
W	35° 49'.688	014° 42'.014
X	35° 47'.977	014° 38'.023
Y	35° 47'.948	014° 35'.063
Z	35° 48'.545	014° 34'.043

On Friday, 6th August, 2021, at 7.30 a.m.,
On Sunday, 8th August, 2021, at 7.00 p.m.,
On Monday, 9th August, 2021, at 7.30 a.m. and 5.30 p.m.,
On Tuesday, 10th August, 2021, at 6.30 p.m. and 7.30 p.m.

Due to the above arrangements Rinella quay will not be used at all, therefore vessels moored inside Rinella Bay do not need to be removed from their mooring on the 5th, 6th, 7th, and 11th August, 2021.

Local Notice to Mariners No. 103 of 2021 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Local Notice to Mariners No. 103 of 2021 will remain valid.

Chart affected: BA 177

30th July, 2021

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 32 of 2021

Marine Scientific Research in the East and South-East of Malta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that marine scientific research operations in the East and South-East of Malta will be starting on Sunday, 1st August, 2021, and are expected to be completed by Friday, 31st December, 2021.

The research which will be held in two areas will be carried out by the vessels M/V Gold Finder and Delfino and will include the towing of survey equipment.

Area 1 (formed by joining the points A, B, C and D)

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 59'.516	014° 21'.285
B	36° 02'.706	014° 24'.298
C	35° 59'.345	014° 30'.577
D	35° 56'.366	014° 27'.601

Area 2 (formed by joining the points A, B, C and D)

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
U	35° 52'.578	014° 36'.818
V	35° 52'.587	014° 42'.025
W	35° 49'.688	014° 42'.014
X	35° 47'.977	014° 38'.023
Y	35° 47'.948	014° 35'.063
Z	35° 48'.545	014° 34'.043

Peress li l-bastimenti se jkun qed jirmonka t-tagħmir tar-riċerka, jistgħu jkunu ristretti fil-kapaċità tagħhom li jimmanuvraw.

Il-baħħara huma avżati biex jinnavigaw b'kawtela meta jaraw l-bastimenti msemmija hawn fuq, u jagħtuhom spazju wiesa', kif ukoll josservaw iż-żona ristretta b'raġġ ta' 500m, implimentata madwar il-bastimenti M/V Gold Finder u Delfino.

Il-baħħara għandhom isegwu kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 14 u/jew 16 minn Valletta VTS jew Marsaxlokk VTS.

Charts affettwati: BA 2537, 2538, 211, 194

It-30 ta' Lulju, 2021

LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM AGENCY (LESA)

Sejħa għall-Applikazzjoni

Uffiċjal tal-Monitoraġġ

Referenza tal-permess tal-Jobsplus Numru 690/2020

L-applikanti għandu:

Ikollhom il-ħila jaqraw u jiktbu bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

Jippreżentaw ċertifikat tat-tluq mill-iskola;

Jippreżentaw kondotta nadifa riċenti tal-Pulizija;

Ikollhom pass fil-ħilijiet tal-applikazzjoni tal-uffiċċju tal-IT komparat ma' MQF Livell 3.

Esperjenza relatata mal-Infurzar Lokali tkun ikkunsidrata bħala għajnuna għall-impieg.

Il-kandidati interessati għandhom jibagħtu Curriculum Vitae flimkien mal-kredenzjali mitluba permezz ta' ittra elettronika lil (hr.lesa@gov.mt) jew ippreżentati bl-idejn fil-bini tal-Amministrazzjoni LESA, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, 246, Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura, sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 9 ta' Awwissu, 2021, fl-4.00 p.m.

L-applikazzjonijiet kollha huma rikonoxxuti u trattati bl-aktar kunfidenza stretta.

It-30 ta' Lulju, 2021

Since the vessels will be towing survey equipment, they may be restricted in their ability to manoeuvre.

Mariners are instructed to navigate with caution when the above-mentioned vessels are sighted, giving them a wide berth and observing a 500m radius restricted zone, which will be implemented around the vessels M/V Gold Finder and Delfino.

Mariners are also notified to abide with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 14 and/or 16 by Valletta VTS or Marsaxlokk VTS.

Charts affected: BA 2537, 2538, 211, 194

30th July, 2021

LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM AGENCY (LESA)

Call for Application

Monitoring Officer

Ref. Jobsplus Permit Number 690/2020

Applicants must:

Be proficient in the Maltese and English languages;

Produce a School Leaving Certificate;

Produce a recent clean Police Conduct;

Have a pass in IT Office Application Skills equivalent to MQF level 3

Experience related to Local Enforcement will be considered an asset.

Interested candidates have to submit a Curriculum Vitae together with the requested credentials through (hr.lesa@gov.mt) or presented by hand at LESA Administration building, Human Resources Office, 246, Triq Mater Boni Consilii, Fgura, by not later than Monday, 9th August, 2021, at 4.00 p.m..

All applications are acknowledged and treated in the strictest confidence.

30th July, 2021

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Post ta' Konsulent Psikjatra (Psikjatrija fil-Kommunità fid-Dipartiment tal-Psikjatri, fis-Servizzi għas-Saħħa Mentali, fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Konsulent Psikjatra (Psikjatrija fil-Kommunità) fid-Dipartiment tal-Pskjatrija, fis-Servizzi għas-Saħħa Mentali, fil-Ministeru għas-Saħħa.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.2 Is-salarju ta' Konsultent huwa ta' Skala ta' Salarju 4, li fis-sena 2021 huwa €36,794 fis-sena.

2.3 Persuna fil-ħatra ta' Konsulent tirrapporta direttament liċ-Chairperson Kliniku tad-Dipartiment tal-Psikjatrija.

2.4 Persuna li tiġi maħtura tkun tista' tagħżel li taħdem fuq bażi ta' Kuntratt A jew Kuntratt B.

2.5 Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-union kompetenti.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Konsultent Psikjatra (Psikjatrija fil-Kommunità) jinkludu li:

i. Ikun parti mid-Dipartiment tal-Psikjatrija u jirrispondi direttament liċ-Chairperson Kliniku tal-Psikjatrija u jkun mistenni li jieħu sehem fl-attivitajiet tad-Dipartiment tal-Psikjatrija u jipparteċipa fi programm ta' taħriġ ta' akkademja, ta' tagħlim u ta' in-service kif meħtieġ;

ii. Ikun meħtieġ li jassumi responsabbiltà speċjali fil-Psikjatrija Ġenerali tal-Adulti fil-Komunità kif iddettaljat miċ-Chairperson Kliniku tal-Psikjatrija. Ir-rwol tiegħu

MINISTRY FOR HEALTH

Post of Consultant Psychiatry (Community Psychiatry) in the Department of Psychiatry at Mental Health Services in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health, invites applications for the post of Consultant Psychiatry (Community Psychiatry) in the Department of Psychiatry at Mental Health Services, in the Ministry for Health.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of one (1) year.

2.2 The salary for the post of Consultant is Salary Scale 4, which in the year 2021 is equivalent to €36,794 per annum.

2.3 The Consultant shall report to the Clinical Chairperson, Department of Psychiatry.

2.4 The appointee will be able to choose to work on a Contract A or B basis.

2.5 An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent union.

2.6 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

Duties

3.1 The job duties for the post of Consultant Psychiatry (Community Psychiatry) include:

i. Forms part of the Department of Psychiatry and being directly accountable to the Clinical Chairperson of Psychiatry. He/She will be expected in taking part in the activities of the Department of Psychiatry and participating in academic, teaching and in-service training programme as required;

ii. Be required to assume special responsibility in Community General Adult Psychiatry as detailed by the Clinical Chairperson of Psychiatry. His/her role would be

jkun fi ħdan l-iżvilupp u l-espansjoni ulterjuri tas-servizzi tal-Komunità f'konformità mal-Istrateġija dwar is-Saħħa Mentali u lejn l-introduzzjoni ta' servizzi innovattivi ġodda, bħal Home Based Treatment Teams, Acute Response Treatment Teams and l-użu ta' Flexible Assertive Community Treatment jew mudelli simili, u tista' madankollu tkun meħtieġa li tirrinkonċilja jew tibdel ir-responsabbiltà speċjali assenjata skont l-eżiġenzi tas-servizz;

iii. Ikun responsabbli għall-kura tal-pazjenti taħt il-kura tiegħu u b'mod ġenerali għall-ġestjoni u amministrazzjoni inġenerali tat-tim tal-impjegati tiegħu taħt id-direzzjoni taċ-Chairperson Kliniku tal-Psikjatrija;

iv. Ikun responsabbli għall-ġestjoni klinika tal-pazjenti tiegħu permezz tal-attendenza fi kliniċi tal-komunità, interventi bbażati fid-dar, konsultazzjonijiet fis-sala fejn meħtieġ, u kwalunkwe valutazzjoni oħra jew attivitajiet terapewtiċi kif jista' jkun meħtieġ għall-kura xierqa tal-pazjenti u jkun meħtieġ ukoll li jipprovdi servizz ta' konsultazzjoni lill-kollegi kliniċi tiegħu;

v. Ikun responsabbli għat-tmexxija bla xkiel tal-impjegati tat-tim tiegħu li jaqgħu taħt l-inkarigu tiegħu inkluż dik ta' impjegati mediċi iżgħar u membri oħra ta' tim multidixxplinarju permezz ta' superviżjoni u komunikazzjoni xierqa;

vi. Jassigura żamma ta' rekords xierqa dwar il-fajls tal-każ tal-pazjent u kwalunkwe rekords oħra kif meħtieġ għal skopijiet ta' terapija, monitoraġġ u evalwazzjoni;

vii. Jaqdi dmirijiet oħra skont kif assenjat mill-Clinical Chairperson tal-Psikjatrija;

viii. Jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa.

ix. Iwettaq kompiti oħra li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

x. Iwettaq dmirijiet oħra hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Persuna appuntata tista' tkun rikjesta twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa f'Malta u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

within the development and further expansion of Community services in line with the Mental Health Strategy and towards the introduction of new innovative services, such as Home Based Treatment Teams, Acute Response Treatment Teams and use of Flexible Assertive Community Treatment or similar models. The appointee may however be required to relinquish or alter the designated special responsibility according to the exigencies of the service;

iii. Be responsible for the treatment of patients under his/her care and for the overall management and administration of his/her own team of employees as per direction of the Clinical Chairperson of Psychiatry;

iv. Be responsible for the clinical management of his/her patients through attendance of community clinics, home based interventions ,ward consultations where necessary, and any other assessment or therapeutic activities as may be required for proper patient care and will also be required to provide a consultation service to his/her clinical colleagues;

v. Be responsible for the smooth running of his/her team of workers under his/her charge including that of junior medical staff and of other multidisciplinary team members through appropriate supervision and liaison;

vi. Ensures proper record keeping of patient case files and any records as may be required for the therapeutic, monitoring and evaluative purposes;

vii. Carries out any other duties as assigned by the Clinical Chairperson of the Department of Psychiatry;

viii. Make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health;

ix. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

x. Carries out any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services in Malta and Gozo General Hospital at the discretion of the Management.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. profiċjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża.

ii. proficient in the Maltese and English languages.

4.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandu wkoll:

4.2 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore be:

i. ikollhom isimihom imniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-Psikjatrija miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta;

i. listed in the Specialist Register of Psychiatry kept by the Medical Council of Malta;

jew

ii. ikunu approvati li isimhom jitniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-Psikjatrija miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

iii. a. ikollhom Ċertifikat ta' Tlestija ta' Taħriġ Speċjalizzat (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta għall-professjoni rilevanti, li juri li l-applikant lesta tali taħriġ speċjalizzat li jista' jintalab għall-Psikjatrija; jew

b. ikollhom kwalifika ta' speċjalist ekwivalenti għas-CCST fil-Psikjatrija, li tkun maħruġa mill-Awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif indikat f'parti 1b tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; jew

c. ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalist dment li ma' din tinhemeż dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li tiddikjara li l-kwalifiki/esperjenza huma suffiċjenti sabiex tabib ikun irreġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala Speċjalist fil-Psikjatrija.

4.3 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandu aktar minn hekk ikollhom sentejn (2) esperjenza full-time bħala Speċjalist fil-Psikjatrija. Qed ikun hawnhekk ikkjarifikat li l-esperjenza bħala Speċjalist titqies li ma tibdiex qabel id-data tar-Reġistrazzjoni fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta, jew reġistrazzjoni ekwivalenti maħruġa mill-awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Qed ikun ikkjarifikat ukoll li l-esperjenza mwettqa fuq bażi part-time jew fi kwalunkwe każ fuq bażi ta' inqas minn erbgħin (40) siegħa fil-gimgħa, tkun rikonoxxuta fuq bażi prorata.

4.4 Persuna magħżula li tkun eliġibbli taħt paragrafu 4.2 (iii) (b) u paragrafu 4.2 (iii) (c) hawn fuq trid tkun imniżżla fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta u trid tkun ukoll irreġistrata bis-sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

4.5 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) jew paragrafu 4.2 (iii) (c) hawn fuq iridu jiksbu ittra ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għaċ-Ċertifikat ta' Tlestija ta' Taħriġ Speċjalizzat maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta. F'każ ta' diffikultà għandu jintalab il-parir tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta.

Sabiex tiġi ffaċilitata r-referenza, is-sit elettroniku tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta jista'

or

ii. approved for inclusion in the Specialist Register of Psychiatry kept by the Medical Council of Malta; or

iii. a. in possession of a Certificate of Completion of Specialist Training (CCST) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta for the relevant profession, which shows that the applicant has completed such specialist training as may be prescribed for Psychiatry; or

b. in possession of a specialist qualification equivalent to the CCST for Psychiatry, which is issued by the competent authority in another EU member state, as listed in Part 1b of the Second Schedule of the Health Care Professions Act of Malta; or

c. in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/ experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in Psychiatry .

4.3 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore have two (2) years full- time experience as a Specialist in Psychiatry . It is hereby being clarified that specialist experience will be deemed not to commence prior to the date of registration in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta, or equivalent registration issued by the competent authority in another EU Member State. It is furthermore being clarified that experience carried out on a part-time basis, or in any case on a basis of less than forty (40) hours per week, is reckoned on a pro-rata basis.

4.4 The successful candidate eligible under paragraph 4.2 (iii) (b) and paragraph 4.2 (iii) (c) above must be listed in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta and must also be fully registered with the Medical Council of Malta before appointment.

4.5 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii) (b) or paragraph 4.2 (iii) (c) above must obtain a recognition statement from the Specialist Accreditation Committee of Malta confirming that their qualifications may be considered as an equivalent to the Certificate of Completion of Specialist Training (CCST) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta. In case of any difficulty, the advice of the Specialist Accreditation Committee of Malta is to be sought.

For ease of reference, the website of the Specialist Accreditation Committee of Malta may be consulted at

jiġi kkonsultat minn ((https://deputyprimeminister.gov.mt)/en/sph/Pages/Specialist-Accreditation-Committee.aspx).

4.6 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) jew paragrafu 4.2 (iii) (c), u li jkunu meħtieġa jippreżentaw dikjarazzjoni mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalist kif mitlub fil-paragrafu 4.5, għandhom jinkludu kopja ta' din id-dikjarazzjoni mal-applikazzjoni u jippreżentaw l-oriġinali waqt l-intervista. Kandidati li mhumiex fil-pussess ta' din id-dikjarazzjoni xorta jistgħu japplikaw, basta jissottomettu kopja ta' din id-dikjarazzjoni hekk kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u fi kwalunkwe ċirkustanza mhux aktar tard mid-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jippreżentawx id-dikjarazzjoni meħtieġa fi żmien xahar għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tagħhom jistgħu jitolbu estensjoni ta' dan il-limitu ta' żmien b'xahar ieħor mill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet lil hinn minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

4.7 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.8 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-Klassi/Stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.9 Kwalifiki formali, ħiliet u esperjenza speċjalizzata fil-Psikjatrija tal-Komunità jiġu evalwati abbażi tal-portafoll

((https://deputyprimeminister.gov.mt)/en/sph/Pages/Specialist-Accreditation-Committee.aspx).

4.6 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii) (b) or paragraph 4.2 (iii) (c) and who are required to present a statement by the Specialist Accreditation Committee as specified in paragraph 4.5, should include a copy of that statement with their application and present the original at the interview. Candidates not in possession of the required statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement as soon as it is available and in any case, by not later than the closing date of this call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for an extension beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

4.7 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in the calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.8 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the Class/Stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

4.9 Formal qualifications, specialist skills and experience in Community Psychiatry, will be evaluated on the basis

tal-esperjenza tax-xogħol tal-applikant. Evidenza formali ta' taħriġ u kwalifiki elenkati fil-portafoll iridu jiġu ppreżentati mal-applikazzjoni.

4.10 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.11 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.9 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

Advt No. 79. Lease tale quale in its present state including any latent defects, for commercial purposes, of the premises at No. 11, Triq il-Lvant, Valletta, as shown edged in red on the plan P.D.2020_0790. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €20,250 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of six thousand and seven hundred and fifty euro (€6,750) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 80. Lease tale quale of a shop at No. 3, Triq Felic, Valletta, shown edged in red on the plan P.D.214_88_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seventeen thousand and six hundred and forty euro (€17,640) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal

dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 81. Kiri tale quale fl-istat li jinsab fih inkluż xi difetti li jista' jkun hemm moħbija, għal skopijiet kummerċjali, ta' xelter fis-Sur San Lazzru 'l hemm minn Triq il-Mediterran, Il-Belt Valletta, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.124/66/A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €42,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbatax-il elf ewro (€14,000) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m. Ma ssirx rifużjoni għal flus li jkunu diġà tħallsu għad-dokument tal-offerta.

It-30 ta' Lulju, 2021

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza Nru. 3007U21 jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Erbgħa, 4 ta' Awwissu, 2021.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

It-30 ta' Lulju, 2021

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 24 ta' Awwissu, 2021. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 009-0663/21. Video head impulse test systems u caloremeters kompluti b'tagħmir tal-IT effiċjenti fl-użu tal-enerġija

as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 81. Lease tale quale in its present state including any latent defects, for commercial purposes, of a shelter in Saint Lazzarus Bastion off Triq il-Mediterran, Valletta, shown edged in red on plan P.D.124/66/A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €42,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fourteen thousand euro (€14,000) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Tenders should be submitted only on the prescribed form, together with the relevant conditions and other documents, that are obtainable from the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m. Tender fees are non-refundable.

30th July, 2021

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference No. 3007U21 will be received up to noon on Wednesday, 4th August, 2021.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

30th July, 2021

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 24th August, 2021. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 009-0663/21. Video head impulse test systems and caloremeters complete with energy efficient IT equipment

CFT 009-0664/21. Masking tape

CFT 020-0665/21. MRI conditional dual chamber implantable cardioverter defibrillators with leads

CFT 009-0666/21. Provvista ta' thermostatic mixer cartridges

CFT 020-0668/21. Non coring safety gripper micro needles

CFT 020-0669/21. Access sheaths for urology

CFT 020-0670/21. Paediatric endotracheal tubes kompluti b'holders (Għażla 1) JEW paediatric endotraheal tubes and separate compatible endotracheal tube holders (Għażla 2)

CFT 020-0671/21. Continence care products

CFT 020-0672/21. Dual chamber implantable cardioverter defibrillators b'leads

CFT 020-0673/21. Disposable surgical cables to connect to St Jude Abbott Merlin EX3100 Pacemaker system analyser

CFT 020-0674/21. Ostomy items two piece system, diversi qisien

CFT 009-0675/21. Provvista ta' rechargeable batteries

CFT 021-0676/21. Cefotaxime 1g injections

CFT 009-0677/21. Provvista ta' siġġijiet tar-roti li jingħalqu għall-adulti, 18-il pulzier, meħtieġa biex jinkrew għal perjodu ta' tliet snin

CFT 020-0678/21. Disposable bacterial/viral hydrophobic gas filter

CFT 021-0679/21. Pilocarpine hydrochloride 2% eye drops

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-30 ta' Lulju, 2021

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supply Management), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 3 ta' Settembru, 2021. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 002-0667/21. Provvista, konsenja u installazzjoni ta' zebra blinds għal Sensory Integration Therapy (Sit) Unit fl-iskola primarja tal-Marsa għall-Proġett 'Reduction in Social

CFT 009-0664/21. Masking tape

CFT 020-0665/21. MRI conditional dual chamber implantable cardioverter defibrillators with leads

CFT 009-0666/21. Supply of thermostatic mixer cartridges

CFT 020-0668/21. Non coring safety gripper micro needles

CFT 020-0669/21. Access sheaths for urology

CFT 020-0670/21. Paediatric endotracheal tubes complete with holders (Option 1) OR paediatric endotraheal tubes and separate compatible endotracheal tube holders (Option 2)

CFT 020-0671/21. Continence care products

CFT 020-0672/21. Dual chamber implantable cardioverter defibrillators with leads

CFT 020-0673/21. Disposable surgical cables to connect to St Jude Abbott Merlin EX3100 Pacemaker system analyser

CFT 020-0674/21. Ostomy items two piece system, various sizes

CFT 009-0675/21. Supply of pechargeable batteries

CFT 021-0676/21. Cefotaxime 1g injections

CFT 009-0677/21. Provision of foldable adult wheelchairs, 18 inch, required for loaning purposes for a period of three years

CFT 020-0678/21. Disposable bacterial/viral hydrophobic gas filter

CFT 021-0679/21. Pilocarpine hydrochloride 2% eye drops

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

30th July, 2021

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supply Management), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notice will be received till 10.30 a.m. of Friday, 3rd September, 2021. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 002-0667/21. Supply, delivery and installation of zebra blinds for the Sensory Integration Therapy (Sit) Unit at the Marsa Primary School for the Project 'Reduction in Social

Inequalities in Health and the Burden of Disease' iffinanzjat mill-Fondi Norveġiżi tal-EEA 2014-2021.

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-30 ta' Lulju, 2021

Inequalities in Health and the Burden of Disease' Financed Through the EEA Norwegian Funds 2014-2021.

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

30th July, 2021

Kuntratt kofinanzjat minn għotja ta' fondi mill-Iżlanda, Liechtenstein u n-Norveġja taħt il-Fondi taż-Żona Ekonomika Ewropea

Supported by the peoples of Iceland, Liechtenstein and Norway through the EEA Grants

Iceland Liechtenstein Norway grants

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) jgħarraf li qed jitlob sejħa għal kwotazzjoni.

Ir-Referenza tal-Proġett MCVS/6/2021 qed tippubblika dokument ta' kwotazzjoni għall-Provvediment tal-Workshop Iffinanzjat mill-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju bħala parti mill-Programm ENISIE – InterReg VA Italia Malta.

L-offerenti prospettivi huma mistiedna jniżżlu d-dokument tal-kwotazzjoni u informazzjoni addizzjonali mill-paġna elettronika tal-MCVS (https://maltacvs.org/request-for-quotation-workshop-enisie-2021/).

Kwotazzjonijiet issiġillati, immarkati b'mod ċar 'Talba għal Kwotazzjoni għall-Workshop', għandhom jiġu depożitati fl-Uffiċċji tal-MCVS sal-Ġimgħa, 27 ta 'Awwissu, 2021, sa nofsinhar, fl-indirizz hawn taħt:

Kunsill Malti għas-Settur Volontarju
Ċentru tal-Volontarjat
181, Triq Melita
Il-Belt Valletta VLT 1129

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector is requesting the call for quotation.

Project Reference MCVS/6/2021 is publishing a quotation document for the Provision of the Workshop Funded by the Malta Council for the Voluntary Sector as part of the ENISIE – InterReg VA Italia Malta Programme.

Prospective bidders are invited to download the quotation document and additional information from the MCVS webpage (https://maltacvs.org/request-for-quotation-workshop-enisie-2021/).

Sealed quotations, clearly marked 'Request for Quotation for the Workshop', are to be deposited at the MCVS Offices by Friday, 27th August, 2021, by noon, at the address below:


Malta Council for the Voluntary Sector
Volunteer Centre
181, Triq Melita
Valletta VLT 1129

Organizzazzjonijiet jew individwi li beħsiebhom jissottomettu proposta għandhom jibagħtu d-dettalji tagħhom lil (mcvs.misw@gov.mt) f'każ li jkun meħtieġ li kjarifiki jiġu kkomunikati lill-offerenti interessati kollha.

It-30 ta' Lulju, 2021

Organizations or individuals intending to submit a proposal are to send their particulars to (mcvs.misw@gov.mt) in case any clarifications need to be communicated to all interested bidders.

30th July, 2021



Programm INTERREG V-A Italja Malta
Politika ta' Koeżjoni 2014-2020
Programm parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi Ewropej; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek



INTERREG ITALIA - MALTA PROGRAMME
Cohesion Policy 2014-2020
Programme part-financed by the European Union
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

KUNSILL LOKALI GĦAJNSIELEM

Il-Kunsill Lokali Għajnsielem jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu fil-Kunsill Lokali Għajnsielem sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Awwissu, 2021, għal:

Kwot. Nru. GHJN 12/2021. Offerta ta' xogħlijiet għal xogħlijiet ta' tisbiħ fil-Ġnien tat-Tagħlim f'Għajnsielem, żona tal-Gudja, Għajnsielem.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit eletroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-30 ta' Lulju, 2021

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

The Għajnsielem Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Għajnsielem Local Council up to 10.30 a.m. on Monday, 30th August, 2021, for:


Advt No. GHJN 12/2021. Works tender for the embellishment works of the Għajnsielem Learning Garden, Gudja Area, Għajnsielem

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the eTenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

30th July, 2021



Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020
LEADER
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)
Rata ta' Kofinanzjament: 75% Fondi tal-UE; 25% Fondi Nazzjonali
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR):
L-Ewropa tinvesti f'żoni rurali



Rural Development Programme for Malta 2014-2020
LEADER
European Agricultural Fund for Rural Development (EAFRD)
Co-financing Rate: 75% EU Funds; 25% National Funds
The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe investing in rural areas

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

Sejħa għall-Offerti

Il-Kunsill Lokali l-Mellieħa jgħarraf illi:

Sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Awwissu, 2021, permezz tal-ePPS jirċievi kwotazzjonijiet għal:

Avviż Nru. MLC 3/2021. Restawr ta' pedestall dilapidat, niċċa u statwa fi Triq il-Marfa, l-Marfa, il-Mellieħa, bħala parti mill-proġett (IACS) No. 239074

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jistgħu jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom, jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kwalukwe offerta, anke l-aktar waħda li tidher vantaġġjuża.

It-30 ta' Lulju, 2021

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

Call for Tenders

The Mellieħa Local Council notifies that:

Tenders will be received through ePPS up to noon (Central European Time) on Wednesday, 25th August, 2021, for:


Advt No. MLC 3/2021. Restoration of dilapidated pedestal, niche and statue at Triq il-Marfa, Marfa, Mellieħa, as part of project (IACS) No. 239074

Tender documents are free of charge and may be downloaded from the ePPS (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be available for viewing and download from the same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most seemingly advantageous.

30th July, 2021



Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020
Miżura M19.2 – Sottomiżura 1
Restawr ta' assi u siti ta' valur artistiku u kulturali
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' Kofinanzjament: 75% Unjoni Ewropea; 25% Gvern ta' Malta
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali:
L-Ewropa tinvesti f'żoni rurali

Rural Development Programme for Malta 2014-2020
Measure M19.2 – Sub-Measure 1
Restoration of assets and sites of artistic and cultural value
Part-financed by the European Union
Co-financing Rate: 75% European Union; 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe investing in rural areas



KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan jgħarraf illi:

Offerti online għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Awwissu, 2021, għal:

Avviż Nru. TSE052-08/2021.Tisbiħ ta' Taraġ Scicluna b'mod li jitħares l-ambjent.

Id-dokument tal-offerta jista' jinkiseb online mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

SAN ĠILJAN LOCAL COUNCIL

The San Ġiljan Local Council notifies that:

Online tenders will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 27th August, 2021, for:

Advt No. TSE052-08/2021. Embellishment of Taraġ Scicluna in an environmentally friendly manner.

The tender document is available online through (www.etenders.gov.mt).

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-30 ta' Lulju, 2021

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

30th July, 2021

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1112

ARB/C054/2021 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-25 ta' Lulju, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). Kumpilazzjoni Numru 463/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Steven Ryan Micallef)

Kontra

SZYMON WOJCIECH STOKLOSA, kurrier tal-ikel, ta' 21 sena, iben il-mejjet Kristof Stoklosa u Grazyna Stoklosa, imwieled Tarnowskie Gory, il-Polonja, fis-17 ta' Ottubru, 1999, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentur ta' karta tal-identità Pollakka bin-numru 785470.

ORDNAT iż-żamma f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flejjes u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' SZYMON WOJCIECH STOKLOSA u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' SZYMON WOJCIECH STOKLOSA u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont previst mil-liġi li ma jeċċedix it-tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, fejn il-mezzi tiegħu hekk jippermettu; b'dan illi l-Qorti tiddetermina liema flejjes jistgħu jitħallsu jew jiġu rċevuti mill-imputat matul is-sussistenza ta' din l-ordni, ossia is-sors, il-mod u il-modalitajiet l-oħra tal-ħlas inklużi

ARB/C054/2021 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 25th July, 2021, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). Compilation Number 463/2021, in the case:

The Police
(Inspector Steven Ryan Micallef)

Versus

SZYMON WOJCIECH STOKLOSA, food courier, 21 years, son of the late Kristof Stoklosa and Grazyna Stoklosa, born in Tarnowskie Gory, Poland on the 17th October, 1999, without a fixed address in Malta and holder of Polish identity card bearing number 785470.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to SZYMON WOJCIECH STOKLOSA and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all moneys and other movable property due or pertaining or belonging to SZYMON WOJCIECH STOKLOSA and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORIZED the said accused to receive the amount authorized by law that does not exceed thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, where his means permit; provided that the Court shall determine what moneys may be paid or received by the accused during the existence of this order, including the source, method and other modalities

salarju, paga, pensjoni u/jew benefiċċji tas-sigurtà soċjali li għandhom jitħallsu lill-imputat wara li ssir it-talba appożita dwar dan minnu stess.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36, fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 27 ta' Lulju, 2021

AĠENT DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

of payments including salary, wages, pension and/or social security benefits following a request by the accused himself.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 36, Article 22A, Article 5, and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 27th July, 2021

ACTING DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1113

ARB/C026/2021 – VARJAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Lulju, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dr Rachel Montebello LLD). Kumpilazzjoni Numru 230/2020, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Lianne Bonello)

Kontra

MATTHEW AZZOPARDI, pulizija, ta' 43 sena, iben Edmond u Esmeralda xebba Portelli, imwieled l-Ingilterra fis-7 ta' Lulju, 1978, u residenti ġewwa 3, Triq ir-Rixtellu, Ħal Luqa, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 594178M.

Il-Qorti rrikonoxxiet illi l-ammont imsemmi skont l-ordni tal-iffriżar ta' elfejn u tnejn u għoxrin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€2,022.11) jinsab fil-kustodja tad-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi u għandu jkompli jinżamm minnu. Għaldaqstant, kwalunkwe flejjes u proprjetà mobbli jew immobbli li jinsabu sekwestrati f'idejn terzi persuni għandhom jiġu rilaxxati.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Rachel Montebello, LLD), fis-6 ta' Lulju, 2020, li ġiet

ARB/C026/2021 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 14th July, 2021, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Rachel Montebello LLD). Compilation Number 230/2020, in the case:

The Police
(Inspector Lianne Bonello)

Versus

MATTHEW AZZOPARDI, police officer, 43 years, son of Edmond and Esmeralda née Portelli, born in England on the 7th July, 1978, and residing at 3, Triq ir-Rixtellu, Ħal Luqa and holder of Maltese identity card bearing number 594178M.

The Court acknowledged that the amount mentioned as per freezing order of two thousand and twenty-two euro and eleven cents (€2,022.11) is in the custody of the Director of the Asset Recovery Bureau and shall continue to be held by him. Thus, any other moneys and other movable or immovable property attached in the hands of third parties can now be released.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello,

ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' April, 2021, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli sal-limitu ta' elfejn u tnejn u għoxrin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€2,022.11) li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' MATTHEW AZZOPARDI.

Illum, 27 ta' Lulju, 2021

AĠENT DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

LLD) on the 6th July, 2020, which was published in the Government Gazette on the 23rd April, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of moneys and other movable or immovable property up to a limit of two thousand and twenty-two euro and eleven cents (€2,022.11) which are due to or pertaining to or belonging to MATTHEW AZZOPARDI.

Today, 27th July, 2021

ACTING DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1114

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' Mejju, 2021, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 30 ta' Settembru, 2021, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Dar bin-numru erbgħa u ħamsin (54) qabel numerata bin-numru tnejn u sebgħin (72) ġewwa Triq Santa Marija, Ħaż-Żebbuġ, Malta, inkluż l-arja u s-sottoswol u kif ukoll b'bir komuni mal-proprjetajiet adjaċenti qabel numerati wieħed u sebgħin (71) u tlieta u sebgħin (73) rispettivament, bil-bokka fl-alkova fl-entrata, kif deskritt fl-atti tan-Nutar Dr John Spiteri datat tletin (30) ta' Lulju, elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997), libera u franka u stmata tmien mija u ħamsin elf ewro (€850,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Gouder Maria Gloria (KI 499159M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 52/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 26 ta' Lulju, 2021

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 10th May, 2021, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 30th September, 2021, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Tenement numbered fifty four (54) previously numbered seventy two (72) in Triq Santa Marija, Ħaż-Żebbuġ, Malta, including its airspace and the underlying basement, with a well in common with the adjacent properties previously numbered seventy one (71) and seventy three (73) respectively, with the wellhead in the entrace as described in the acts of Notary Doctor John Spiteri dated thirtieth (30) July, one thousand nine hundred and ninety seven (1997), free and unencumbered and valued at eight hundred and fifty thousand euro (€850,000).

The said tenement is the property of Gouder Maria Gloria (ID 499159M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 52/2019.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 26th July 2021

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1115

B'digriet tal-21 ta' Lulju, 2021, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-23 ta' Marzu, 2021, fuq rikors ta' Michael Attard Limited (C32362) u fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi ġie ffissat il-jum tat-

By a decree given on the 21st July, 2021, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 23rd March, 2021, on the application of Michael Attard Limited (C32362) and by request of Commissioner of Revenue,

Tlieta, 14 ta' Settembru, 2021, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Triq Ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Wieħed minn tmienja (1/8) ta' sehem indiviż ta' dar f'kantuniera, b'żewġ sulari bi dħul prinċipali fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Ir-Rabat. Il-valur tas-sehem hu stmat li jiswa dsatax-il elf tliet mija u ħamsa u sebgħin ewro (€19,375).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Vassallo Anthony sive Antoine (KI 825847M) u Vassallo Antonia (KI 187446M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 15/2015.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 27 ta' Lulju, 2021

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Tuesday, 14th September, 2021, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction to be held in room number 78 nearby the Archives, Level -1, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

One of eight (1/8) of an undivided share of a two floor corner house with entrance in Triq Ġorġ Borg Olivier, Rabat. The share is valued at nineteen thousand, three hundred and seventy five euro (€19,375).

The said tenement is the property of Anthony sive Antoine Vassallo (ID 825847M) and Antonia Vassallo (ID 187446M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 15/2015.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 27th July, 2021

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1116

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-20 ta' Lulju, 2021, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-artikolu 338(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12)

Illi b'rikors u ċedola ta' kompensazzjoni preżentata minn Angelo Mizzi (KI 22058G) f'ismu proprju u f'isem Paul Mizzi (KI 36055G), Joseph Mizzi (KI 38349G), Margherita Mizzi (KI 8451G), Salvu Mizzi (KI 61846G) u Grace Sciberras (KI 97447G) fid-19 ta' Lulju, 2021, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €210,857 fil-bejgħ bl-irkant numru 11/2015 fl-ismijiet 'Maria Salvina sive Maria Galea vs Angelo Mizzi et', miżmum taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fit-12 ta' Lulju, 2021.

Skont artikolu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

It is hereby notified that by a decree of the 20th of July, 2021, given by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, the Court ordered that the hereunder extract be published for the purpose of service according to article 338(1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

Whereas by an application and a concurrent schedule of set-off filed by Angelo Mizzi (ID 22058G) in his own name and on behalf of Paul Mizzi (ID 36055G), Joseph Mizzi (ID 38349G), Margherita Mizzi (ID 8451G), Salvu Mizzi (ID 61846G) u Grace Sciberras (ID 97447G) on the 19th of July, 2021, the approval of the said set-off is being demanded for the amount of €210,857, and this subsequent to the judicial sale by auction number 11/2015 in the names of 'Maria Salvina sive Maria Galea vs Angelo Mizzi et', held under the authority of the said Court on the 12th of July, 2021.

According to article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, illum 27 ta' Lulju, 2021

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur

Registry of the Court Of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, today the 27th of July, 2021

DANIEL SACCO
For The Registrar

1117

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, fid-19 ta' Novembru, 2020, fl-atti tar-Rikors tal-Appell, fl-ismijiet Martin Gatt vs Victoria Bonanno, Rikors numru 65/20, Rikors għar-Reġistrazzjoni ta' Annullament ta' Sentenza tat-Tribunal Ekkleżjastiku, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Victoria Bonanno, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree given, by the Court of Appeal,on the 19th November, 2020, in the records of the Application of Appeal,in the names Martin Gatt vs Victoria Bonanno, Application number 65/20, Application for the Registration of a Judgement of the Ecclesiastical Tribunal, the following publication was ordered for thr purpose of service of the respondent Victoria Bonanno, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet Martin Gatt (KI 0331074M) vs Victoria (Victoria Jane) Bonanno (KI 0199578M) fit-30 ta' Settembru, 2020, ir-rikorrenti Martin Gatt espona bir-rispett:

By means of an Application, filed, in the Court of Appeal, in the names Martin Gatt (ID 0331074M) vs Victoria (Victoria Jane) Bonanno (ID 0199578M) on the 30th September, 2020, the applicant Martin Gatt, respectfully pleaded:

1. Illi fit-30 ta' Awwissu, 2017, it-Tribunal Reġjonali tal-Prim'Istanza għall-Provincja Ekkleżjastika Maltija tal-Knisja Kattolika ta sentenza li ġiet pubblikata fis-16 ta' Settembru, 2017, fil-kawża għad-dikjarazzjoni ta' nullità taż-żwieġ li sar bejn ir-rikorrent u l-intimata, fis-26 ta' Mejju, 2006, fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, b'din is-sentenza ġie għalhekk dikjarat null iż-żwieġ imsemmi;

1. That on the 30th August, 2017, the Regional Tribunal of First Instance for the Maltese Ecclesiastical Province of the Catholic Church gave a judgement which was published on the 16th September, 2017, in the cause for the declaration of nullity of the marriage which took place between the applicant and the respondent on the 26th May, 2006, in the Sanctuary of the Madonna of Mellieħa, in virtue of this judgement the said marriage was thus declared null;

Illi minn din is-sentenza ma sarx appell u għalhekk is-sentenza saret definittiva, b'tali mod li t-Tribunal ħareġ ukoll id-digriet ta' eżekuttivita relattiva;

That from this judgement no appeal was made and thus the judgement became definitive in such a manner that the Tribunal issued also the relative executive decree;

Illi ż-żwieġ fuq imsemmi jinsab reġistrat 1ivilment fir-Reġistru Pubbliku, illi r-rikorrent huwa ċittadin Malti, domiċiljat ukoll f'Malta u jixtieq jipprevalixxi ruħu mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23 et sequitur tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex id-deċiżjoni tat-Tribunal Ekkleżjastiku fuq imsemmija tiġi reġistrata u tiġi rikonoxxuta ċivilment;

That the marriage above mentioned is registered civilly at the Public Registry, that the applicant is a Maltese citizen, domiciled also in Malta and wishes to avail himself of the provisions of Article 23 et sequitur of Cap. 255 of the Laws of Malta, so that the decision of the Ecclesiastical Tribunal above mentioned be registered and be civilly recognised;

Illi jeżistu r-rekwiżiti kollha sabiex l-imsemmija sentenza tiġi reġistrata u rikonouxxta ċivilment u dikjarata eżegwibbli f'Malta.

That their exist all the requisites so that the said judgement be registered and be registered and recognised civilly and declared executable in Malta.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija r-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti:

Thus, for the reasons above mentioned the applicant respectfully prays this Honourable Court:

1. Tordna r-reġistrazzjoni fir-Reġistru Pubbliku tas-sentenza tat-30 ta' Awwissu, 2017, tat-Tribunal Reġjonali tal-Prim'Istanza għall-Provinċja Ekkleżjastika Maltija tal-Knisja Kattolika li biha ngħatat sentenza definittiva fil-

1. To order the registration in the Public Registry of the judgement of the 30th August, 2017, of the Regional Tribunal of First Instance of the Maltese Ecclesiastical Province of the Catholic Church in virtue of which a defintive judgement

kawża għad-dikjarazzjoni ta' nullità ta' żwieġ li sar bejn ir-rikorrent u l-intimata, u dan sabiex l-imsemmija sentenza tat-Tribunal ikollha effetti daqslikieku kienet deċiżjoni minn Qorti u saret res judicata;

2. Tagħti kull direttiva u provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.

Notifika Intimata: Flat 1, St Anne Flats, Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Il-Mellieħa

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 27 ta' Lulju, 2021

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

in the cause for the declaration of nullity of the marriage which took place between the applicant and the respondent was given and this so that the said judgementof the Tribunal shall have efect as if it were a decision by a Court and became res judicata;

2. Give every directive and other provision it deems fit and opportune.

Notify Respondent: Flat 1, St Anne Flats, Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Mellieħa

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 27th July, 2021

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1118

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Lulju, 2021, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 14 ta' Ottubru, 2021, f'nofsinhar (12.00 p.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament, fil-pjan terran inkluż iż-żewġ btieħi, internament immarkat bin-numru tnejn (2) u jifforma parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru erbgħin (40) qabel innumerat tmienja u tletin (38), bl-isem ta' 'Bajada Buildings', fi Triq il-Makna tas-Serrar, L-Imsida. L-imsemmi appartament jinsab fin-naħa tal-lemin hekk kif wieħed iħares mill-faċċata tal-blokk fl-imsemmija triq u huwa sottopost għal proprjetà ta' terzi persuni, igawdi d-drittijiet attivi u suġġett għas-servitù favur terzi, li jirriżulta mill-pożizzjoni tiegħu, li jinkludu t-twieqi ta' terzi li jħarsu għal fuq il-btieħi li jiffurmaw parti mill-appartament numru tnejn (2) u l-passaġġ ta' servizzi ta' terzi mill-istess btieħi. L-appartament jinkludi is-sehem indiviż prorata mas-sidien tal-appartamenti l-oħra tal-blokk, kif ukoll il-partijiet li huma intiżi għall-użu komuni, li jinkludu l-entratura, l-entrata, it-turġien u t-tromba tat-taraġ li tagħti għall-bejt, inkluż il-bejt. L-imsemmi appartament huwa suġġett għas-subċens annwu u perpetwu ta' erba' ewro u sittin ċenteżmu (€4.60), li huwa parti minn subċens annwu u perpetwu ta' disgħa u erbgħin ewro u disa' ċenteżmi (€49.09) impost fuq il-blokk kollu, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u stmat li jiswa mija, ħamsa u disgħin elf ewro (€195,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Borg Maria (KI 121981M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 13/14.

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 22nd July, 2021, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 14th October, 2021, at noon (12.00 p.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment on groundfloor level including the two (2) yards, internally marked number two (2), forming part of a block of apartments number fourty (40) previously numbered thirty eight (38), named 'Bajada Buildings' situated in Triq il-Makna tas-Serrar, Msida. The said apartment is on the right hand side as one faces the block from the said street and is underlying third party property, enjoys active rights and is subject to servitudes in favor to third parties, resulting from its position, which includes third parties windows overlooking onto the yards forming part of apartment number two (2) and the passage of services of third parties from the same yard. The apartment includes the undivided share pro rata with the owners of the said block of all parts intended for common use including the entrance, entrance hall, stairs, landings, stairwell leading onto the roof and the roof and is subject to the annual and perpetual sub-ground rent of four euro and sixty cent (€4.60), part of a greater annual and perpetual sub-groundrent of fourty nine euro and nine cent (€49.09) imposed on the whole block, and with all its rights and appurtenances and valued at one hundred and ninety-five thousand euro (€195,000).

The said tenement is the property of Borg Maria (ID 121981M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 13/14.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 27 ta' Lulju, 2021

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 27th July, 2021

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1119

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-tnejn u għoxrin (21) ta' Lulju, 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Volontarja, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikoli 187(3) u 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Volontarja, fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Lulju 2021, fl-atti tar-Rikors fil-Volontarja bin-numru 68/2021BS ippreżentat minn Joseph Portelli, detentur tal-karta tal-identità numru 85347G; Coronato Portelli, detentur tal-karta tal-identità numru 61660G; Mario Portelli, detentur tal-karta tal-identità numru 11758G; Violet Buttigieg, detentriċi tal-karta tal-identità numru 248485M; Rita Galea, detentriċi tal-karta tal-identità numru 39462G; Salvina Cutajar, detentriċi tal-karta tal-identità numru 31051G; Georgia Attard, detentriċi tal-karta tal-identità numru 36759G; Michelina Attard, detentriċi tal-karta tal-identità numru 68646G; Carmel Portelli detentur tal-karta tal-identità numru 60445G illi qed jidher kemm f'ismu proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' (i) Johanna sive Joanne Sciberras, detentriċi tal-karta tal-identità numru 27708L; (ii) Richard Meilak, liċenzja tas-sewqan Awstraljana numru 033510918; u (iii) Justin Magro, liċenzja tas-sewqan Awstraljana numru 055898331; Alfred Portelli, detentur tal-karta tal-identità numru 4456G; Emanuel Portelli, detentur tal-karta tal-identità numru 14550G; u Eucharist Camilleri, detentur tal-karta tal-identità numru 29161G illi qed jidher għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefer Joseph Camilleri, passaport numru 519345325, sabiex taħtar kuratur deputat sabiex dan ikun jista' jirrappreżenta lil Jacqueline Michelle Lee, ippreżentat fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Volontarja, hawn fuq imsemmi kif ukoll fl-atti kollha relattivi u sussegwenti. L-esponenti jesponu bir-rispett:

1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji fi kwoti inugwali u indiviżi bejniethom (flimkien ma' ċerta Jacqueline Michelle Lee) tal-porzjon art imsejħa 'Tax-Xemmiex' fi Triq ir-Ramla

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer (Courts of Magistrates) Gozo

It is hereby notified that by a decree dated the twenty second (22nd) of July of the year 2021 the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, Voluntary Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of sections 187(3) and 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Whereas by a decree dated the 22nd July 2021 in the records of the application number 68/2021BS by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, Voluntary Section, upon an application filed by Joseph Portelli, holder of Maltese identity card number 85347G; Coronato Portelli, holder of Maltese identity card number 61660G; Mario Portelli, holder of Maltese identity card number 11758G; Violet Buttigieg, holder of Maltese identity card number 248485M; Rita Galea, holder of Maltese identity card number 39462G; Salvina Cutajar, holder of Maltese identity card number 31051G; Georgia Attard, holder of Maltese identity card number 36759G; Michelina Attard, holder of Maltese identity card number 68646G; Carmel Portelli; holder of Maltese identity card number 60445G who appears in his own name as well as for and on behalf of (i) Johanna sive Joanne Sciberras, holder of Maltese identity card number 27708L; (ii) Richard Meilak, Australian driving license number 033510918; and (iii) Justin Magro, Australian driving license number 055898331; Alfred Portelli, holder of Maltese identity card number 456G; Emanuel Portelli, holder of Maltese identity card number 14550G; and Eucharist Camilleri, holder of Maltese identity card number 29161G who appears for and on behalf of Joseph Camilleri, passport number 519345325, to nominate a deputy curator to represent Jacqueline Michelle Lee, filed on the 23rd June, 2021, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, Voluntary Section, in the mentioned record as well as the other related and subsequent acts. They respectfully premised:

1. Whereas applicants own in unequal and undivided shares between them (and together with Jacqueline Michelle Lee) a portion of land known as 'Tax-Xemmiex' in Triq ir-

l-Ħamra, In-Nadur, Għawdex, b'garaxx mingħajr numru u mingħajr isem illi nbena fuq parti minn din l-istess porzjon ta' art, l-intier bil-kejl ta' tliet mija u tliet metri kwadri ċirka (303mk) u konfinanti mill-Punent mal-imsemmija triq, mit-Tramuntana ma' beni ta' Mario Portelli u min-Nofsinhar ma' beni ta' Violet Buttigieg, libera u franka, bil-pussess battal u bid-drittijiet u bil-pertinenzi tagħha kollha; kif inhi indikata aħjar fuq il-pjanta u site plan hawn annessa u mmarkata bħala dokument 'A';

2. Illi Jacqueline Michelle Lee tiġi bint il-mejtin Emanuel Camilleri u Maria née Portelli;

3. Illi sabiex jispjegaw aħjar, din il-proprjetà kienet ġiet akkwistata minn John u Pawla konjugi Portelli matul iż-żwieġ tagħhom. Minn dan iż-żwieġ, John u Pawla konjugi Portelli kellhom tnax-il wild; b'dan illi l-imsemmija Pawla Portelli diġà kellha wild oħra (u ċjoè lil Maria mart Emanuel Camilleri) minn żwieġ preċedenti li hija kellha ma' ċerta Joseph Portelli;

4. Illi lill-imsemmija John u Pawla konjugi Portelli wirtuhom uliedhom u għalhekk sehem John Portelli mill-proprjetà fuq imsemmija inqasam bejn tnax-il wild, mentri sehem Pawla mart John Portelli (u ġja armla ta' Joseph Portelli) inqasam bejn it-tlettax-il uliedha (u ċjoè l-ulied kollha li hija kellha miż-żewġ żwiġijiet tagħha);

